**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kazi Nri. 121/2017 u 125/2017**

**FV & IV ('l-ilmentaturi')**

**vs**

***Calamatta Cuschieri Investment Services Limited*** **(C 13729)**

**('il-provditur tas-servizz')**

**Seduta tas-27 ta' Mejju 2019**

**L-Arbitru,**

***Preliminari***

Kif qablu l-partijiet fis-seduta[1] tal-15 ta' Jannar 2018, il-Kaz Numru 121/2017 ta' FV u l-Kaz Numru 125/2017 ta' FV u IV, huma kazijiet simili u, ghalhekk, ghandhom jitqiesu flimkien u tinghata decizjoni wahda.

Ghaldaqstant, din id-decizjoni ser tkun qed tinkorpora z-zewg kazijiet, u ser tkun qed tinkludi referenza kemm ghall-investiment f'isem FV ('l-ilmentatur') u anke l-investiment f'isem l-ilmentatur b'mod kongunt ma' martu ('l-ilmentatrici'), jigifieri f'isem FV u IV ('l-ilmentaturi').

Barra minn hekk, sakemm ma jkunx indikat mod iehor, il-*folio number* ikkwotat ser ikun dak ta' Kaz Numru 125/2017.

**Ra l-ilmenti** taz-zewg kazijiet 'il fuq ikkowtati fejn l-ilmentaturi bazikament jghidu li garrbu telf f'zewg *bonds* – ***8.875% Rickmers 2018*** u ***7.25% German Pellets Gmbh 2019***, mibjugha lill-ilmentatur wahdu u lilhom b'mod kongunt

[1] *A fol.* 103

rispettivament, fuq zewg kontijiet separati li huma kellhom ma' *Calamatta Cuschieri Investment Services Limited* (*'Calamatta Cuschieri'* jew 'il-provditur tas-servizz'). Huma stqarrew li nvestew is-somma totali ta' €15,000.

L-ilmentaturi sahqu li qabel ma kkommettew ruhhom ghall-investiment offrut lilhom, huma talbu parir professjonali minghand konsulenti tal-provditur tas-servizz anke minhabba l-fatt li huma m'humiex esperti fil-finanzi. Huma indikaw li dawn il-*bonds* gew offruti lilhom bhala investiment attraenti, solidu, u sigur filwaqt li fl-ebda hin ma ntqal lilhom li kien hemm xi riskju, jew inkella gew offruti investiment iehor b'imghax inqas.

L-ilmentaturi tennew li:

*'Bhala konsulent ta' esperjenza u li jaf is-sitwazzjoni finanzjarja modest tieghi, haqqu kien iktar prudenti meta offrieli investiment bhal dan.'*[2]

L-ilmentatur indika li mill-investiment fir-***Rickmers*,** ircieva l-imghax tal-ewwel sena, izda ftit xhur wara gie infurmat sabiex inaqqas l-ammont ta' dan l-investiment ghax kien hemm indikazzjonijiet negattivi. Izda, minkejja dan, eventwalment intqal lilu li dan ma setax isehh peress li l-ammont ta' €5,000 investit kien zghir wisq. Wara li, mbaghad, lanqas ircieva l-imghax dovut lilu f'Gunju 2017, gie mgharraf li r-*Rickmers* fallew.

Mill-banda l-ohra, l-ilmentaturi sahqu li sena wara l-investiment, **il-*German Pellets*** iddikjaraw falliment meta lanqas biss kienu ghadhom ircevew imghax wiehed. Huma stqarrew li ghar-rapprezentant tal-provditur tas-servizz, tikkunsidra li hu kien konxju tas-sitwazzjoni finanzjarja taghhom, l-imghax ta' 7.25% fuq il-*bond German Pellets* kellu jkun indikazzjoni sabiex jifthilhom ghajnejhom bir-riskju u, ghalhekk, ihajjarhom sabiex jaghmu investiment iehor aktar sod.

L-ilmentaturi sahqu li l-iskop taghhom kien li bl-imghax mill-investimenti jkunu ftit iktar komdi finanzjarjament u, ghalhekk, izidu l-pensjoni taghhom u mhux li jitilfu l-ammont li huma kienu investew. Minkejja l-fiducja shiha li huma kellhom fir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz, ihossu li l-parir moghti lilhom ma kienx wiehed ghaqli u professjonali.

---

[2] *A fol.* 5 (Kaz 121/2017)

Ghaldaqstant, l-ilmentaturi qed jippretendu li jiehdu lura l-kapital li huma investew, jigifieri s-somma ta' €15,000,[3] flimkien mal-interessi dovuti sakemm jintlahaq ftehim.

**Ra r-Risposti tal-Provditur tas-Servizz** fejn fiz-zewg kazi hemm dawn iz-zewg eccezzjonijiet preliminari li ser jigu trattati flimkien peress li huma identici:

1. Illi, preliminarjament, l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji (l-'**Arbitru**') m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeciedi l-vertenza odjerna billi l-partijiet issottomettew ghall-gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta u dan *ai termini* tal-Artikolu 17 tat-*Terms of Business Agreement* (anness u mmarkat bhala '***Dok CCI1'***) liema artikolu jispecifika bl-aktar mod car illi '*This Agreement is subject to the Laws of Malta and any dispute, which may arise therefrom, shall be subject to the jurisdiction of the Maltese Courts,*' u, ghalhekk, l-Arbitru ghandu jiddeciedi li jieqaf f'dan l-istadju milli jipprocedi bis-smigh u decizjoni dwar il-mertu ta' dan l-Ilment.

   Dan id-dokument hu dejjem accessibbli fuq il-*website* ukoll https://www.cc.com.mt/wp-content/uploads/2012/05/CC-General-Terms-and-Conditions-January-2017.pdf fejn jigi aggornat regolari peress illi l-Ilmentatur ghandu ukoll access *online*;

2. Illi preliminarjament ukoll u dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccipit u ghall-eccezzjonijiet li jsegwu, is-Socjetà Esponenti teccepixxi in-nullità tal-Ilment *ai termini* tal-Artikolu 789(1)( c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta inkwantu iffaccjata bl-Ilment kif gie redatt, is-Socjetà Esponenti ma tistax tressaq difiza adegwata billi mill-istess Ilment ma jirrizultax/jirrizultawx in-nuqqas/ijiet tas-Socjetà Esponenti li jaghtu lok ghall-Ilment u kwalunkwe dritt pretiz minnu. Fic-cirkostanzi ma huwiex possibbli li s-Socjetà Esponenti taghraf il-bazi tal-istess Ilment (u allura l-eccezzjoni u sussegwentement il-prova li trid tressaq) biex tiddefendi lilha nfisha adegwatament kif hu dritt indisputibbli taghha u xi provi tressaq biex ixxejjen il-pretensjoni ghad-danni

[3] Il-kapital totali investit kien dak ta' €15,000 (€5,000 fir-*Rickmers* mibjugh lis-Sur FV u €10,000 fil-*German Pellets* mibjugh lis-Sinjuri FV & IV b'mod kongunt). Fil-formola tal-ilment, fil-parti fejn l-ilmentatur jintalab jindika x'qed jippretendi lura, fiz-zewg formoli tal-ilmenti giet imnizzla s-somma ta' €5,000, jigifieri total ta' €10,000. Qed jinghata l-beneficcju tad-dubju lill-ilmentaturi f'Kaz 125/2017, li l-ammont mitlub huwa minflok dak ta' €10,000, u dan minhabba li tul l-ispjegazzjoni tal-ilment, kontinwament saret referenza ghas-somma ta' €10,000.

allegati li fi kwalunkwe kaz huma r-rizultat ta' fatturi totalment estranei ghas-Socjetà Esponenti.

***A skans ta' repetizzjoni, il-kontenut fil-mertu taz-zewg risposti ser jigu ittrattati flimkien meta l-Arbitru jiddiskuti l-mertu.***

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra**

***Eccezzjoni dwar Gurisdizzjoni***

Il-provditur tas-servizz jghid li l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex skont it-*Terms of Business Agreement* kull tilwima kellha tmur quddiem il-Qorti u mhux quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji.

Dwar din l-eccezzjoni l-Arbitru jaghmel referenza ghal diversi decizjonijiet li ta f'kazi identici ghal dak odjern, fosthom, id-decizjoni fil-Kaz Nru. 104/2017.

F'dan il-kuntest l-Arbitru qed jichad din l-ecezzjoni ghaliex:

1. Fl-Artikolu 17 tal-*General Terms and Conditions* (DOK CCI 1), kif imsemmi fir-risposti, m'hemm xejn f'dan ir-rigward. Jidher, però, li hemm referenza ghal dan fl-Art. 43.
2. Meta sar dan il-kuntratt ma kienx ghadu twaqqaf l-Ufficcju tal-Arbitru u, ghalhekk, il-partijiet ma setax kellhom l-intenzjoni li jeskluduh;
3. Ghaliex ukoll il-klawsola 43 tal-*General Terms of Business Agreement* normalment tintuza f'kuntest internazzjonali fejn trid issir ghazla bejn il-ligijiet diversi li japplikaw ghall-kuntratt u wkoll liema qorti jkollha gurisdizzjoni.

Dan gie kkonfermat u elaborat f'decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell, fosthom, f'dik fl-ismijiet ***Theresa Camilleri vs Crystal Finance Investments Ltd*. deciza fil-5 ta' Novembru 2018,** fejn il-Qorti irriteniet illi:

*'L-Artikolu 21(1)(a) hu ntiz ghall-konsumatur fis-sens li l-ghazla hi tieghu fejn ghandu jfittex ghal rimedju fir-rigward ta' ilment relatat mal-imgiba ta' provditur ta' servizz finanzjarju'.*

Il-Qorti ziedet ukoll:

*'Il-kuntratt li ffirmaw il-partijiet hu tat-tip standard form fejn il-konsumatur ikun f'pozizzjoni ta' take it or leave it ghaliex ma jkollux bargaining power. Ghall-Qorti meta fil-11 t'April il-partijiet iffirmaw il-kuntratt, klawsola 17 ma kinetx taghmel sens meta tqis li:*

*i. Fil-ftehim li sar ma kienx hemm xi element internazzjonali bejn il-partijiet. Choice of Jurisdiction Clause normalment issir sabiex kwistjoni tinqata' minn qorti ta' pajjiz maghzul u mhux minn qorti f'pajjiz iehor;*

*ii. Fi zmien li kien iffirmat il-kuntratt, il-qrati kienu l-uniku post fejn parti setghet tfittex ghal rimedju kontra l-parti l-ohra minghajr htiega tal-kunsens tal-parti l-ohra. F'dak iz-zmien l-Att dwar L-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji ma kienx ligi ... Ghalhekk zgur li f'dak iz-zmien il-partijiet ma setax kellhom l-intenzjoni li jeskludu r-rimedju li jaghti l-Kap. 555 lill-konsumatur, galadarba kien rimedju li ma jezistix ...'.*

Il-Qorti ikkonkludiet:

*'Il-Qorti hi tal-fehma li hemm cirkostanzi specjali li xorta jwassluha sabiex tiskarta klawsola 17 tal-kuntratt minhabba li m'hemmx dubju li fiz-zmien li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt hadd minnhom ma seta' kien qieghed jipprevedi l-introduzzjoni tal-Kap. 555. Ir-rimedju li jaghti l-Kap. 555 lill-konsumatur huwa wiehed ad hoc bil-ghan li jissimplifika l-access tal-konsumatur tas-servizzi finanzjarji ghal rimedju kontra l-provditur tas-servizz. Rimedju li ma kienx jezisti fiz-zmien li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt u li ghalhekk l-appellata qatt ma setghet irrinunzjat ghalih'.*

Dan kollu gie kkonfermat f'decizjonijiet ohra tal-Qorti tal-Appell kontra l-istess provditur tas-servizz fuq eccezzjoni identika, fosthom, dik ricenti fl-ismijiet: ***Mary Anne Vella vs Crystal Finance Investments Ltd.* tal-11 ta' Frar 2019.**

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Arbitru qed jichad din l-eccezzjoni.

***Nullità***

It-tieni eccezzjoni dwar nullità *o meno* tal-ilment hija wahda fiergha peress li, kif deciz mill-Arbitru f'diversi decizjonijiet li kien involut fihom l-istess provditur tas-servizz, l-Arbitru mhuwiex marbut bil-Kodici tal-Procedura Civili hlief ghal referenzi specifici li jsemmihom il-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-procedura tal-Arbitru hija regolata bil-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta li ma tikkontempla l-ebda nullità anzi tinsisti li l-proceduri quddiem l-Arbitru huma informali u l-Arbitru jrid jiddeciedi skont il-mertu tal-kaz.

Mhux minnu li l-provditur tas-servizz gie b'xi mod pregudikat mill-mod kif inkiteb l-ilment, tant li ghamel risposta estensiva. L-ilment kif miktub huwa konformi mal-htigijiet tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, senjalatament l-Artikolu 22(1) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu ma jikkontempla l-ebda nullità u, ghalhekk, in-nullità la jistghu joholquha l-partijiet u lanqas l-Arbitru galadarba mhix kontemplata mil-ligi. Ghalhekk l-ilment m'hemm xejn null fih.

Barra minn hekk, l-Arbitru jaghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell[4] f'kaz iehor kontra l-istess provditur tas-servizz fejn din il-Qorti qablet mal-Arbitru li din l-eccezzjoni hija fiergha.

Ghalhekk l-Arbitru qed jichad din l-eccezzjoni.

L-eccezzjonijiet taz-zewg kazi dwar il-mertu ser jigu issa ittrattati flimkien.

**FIL-MERTU**

**L-ilmentaturi jsostnu** li l-investimenti li inbieghu lilhom u li qed isir ilment dwarhom ma messhomx inbieghu lilhom ghaliex ma kinux addattati ghac-cirkostanzi taghhom u inghataw assikurazzjonijiet mill-provditur tas-servizz li l-kapital kien garantit u l-provditur tas-servizz qatt ma messu investielhom flushom fihom.

**Min-naha tieghu, il-provditur tas-servizz** jghid fit-twegiba[5] illi l-ilment huwa mimli inezattezzi b'sensiela ta' allegazzjonijiet bla bazi u inveritieri sabiex jinsgu storja artificjali tar-rapport bejn l-ilmentaturi u l-istess provditur; filwaqt li ghamilha cara li kienu l-ilmentaturi li ddecidew illi jinvestu flushom minghajr

[4] ***Carmel Bartolo et Vs Crystal Finance Investments Ltd. tal-5 ta' Novembru 2018***
[5] *A fol.* 16 (Kaz. 121/2017) u *fol.* 15 (Kaz. 125/2017)

ebda pressjoni, kif ukoll kienu huma li riedu imghax gholi allavolja gie spjegat diversi drabi li dan ifisser riskju oghla.

L-ilmentaturi kienu dejjem infurmati dwar ir-riskju u li anke jista' jintilef il-kapital jew parti minnu, filwaqt li anke jista' jkun hemm xi gwadann kapitali ukoll minbarra l-imghax, fattur li l-ilmentaturi esperjenzawh digà meta nvestew f'diversi investimenti simili u tal-istess livelli ta' imghax u riskju.

Il-provditur tas-servizz jichad li kien hemm xi element ta' *mis-selling*, filwaqt li tenna bic-car li kienet dejjem l-ilmentatrici, li ilha klijenta f'isimha waheda mis-sena 2006, li hadet kull decizjoni fuq l-investimenti - anke dan li sar b'mod kongunt bejn il-koppja - u dan hu ppruvat kemm permezz ta' telefonati, *emails* u anke laqghat.

L-ilmentatrici kellha esperjenza izjed mill-konjugi taghha u, ghaldaqstant, kienet hi li tigbor l-informazzjoni u, eventwalment, tiddeciedi tiehux il-parir jew le. Il-provditur tas-servizz sahaq li tul dawn is-snin, l-ilmentatrici dejjem fittxet imghax ta' bejn 6% u 8%, u minbarra li hi mgharrfa sew ghandha esperjenza ta' *bonds* u taf sew kif dan it-tip ta' investiment jahdem.

Il-provditur tas-servizz jirrifjuta l-ilment a bazi tal-fatt li d-dannu jew telf li garrbu l-ilmentaturi, jekk sehh, huwa rizultat ta' cirkostanzi, avvenimenti u interventi ta' terzi li fuqhom il-provditur tas-servizz ma kellu l-ebda kontroll kif jidher car mill-komunikazzjonijiet ta' *Rickmers AG,* l-*issuer* ta' wahda mill-*bonds* ilmentati, kif tidher mill-*website Bloomberg*, kif ukoll mill-komunikazzjonijiet ta' *Rating Agency Credit Reform*, li kien qed isir ir-ristrutturar, u, ghalhekk, kwalunkwe telf li garrbu l-ilmentaturi huwa rizultat ta' *Market* u *Credit Risk*, riskju inerenti f'kull investiment finanzjarju.

Il-provditur tas-servizz indika ukoll li l-*bonds* ilmentati kienu, fil-hin meta nghata l-parir, jghoddu jew *suitable* ghall-ilmentatur; u tul ir-relazzjoni kollha bejn il-partijiet, qatt u fl-ebda mument ma kien hemm investiment mhux skont kif tirrikjedi s-sengha u l-arti u mhux konformità mal-istruzzjonijiet tal-ilmentaturi infushom.

Il-provditur tas-servizz tenna li ma tezisti, u lanqas ma nghatat, kif ma setghetx tinghata, ebda garanzija awtomatika li l-investiment bhal dak ilmentat jirrendi dak li kien minnu mistenni kif ukoll jithallas lura l-kapital wara li jimmatura

ghaliex l-investiment hu dak li hu u l-investitur ma jistax jibdel il-karatteristici tieghu.

Fil-kaz tal-*bond Rickmers*, il-provditur tas-servizz indika li f'Ottubru 2016, l-opinjoni tieghu kienet li wiehed ghandu jnaqqas din il-*bond* mill-portafoll – *Reduce*, izda minkejja li l-ilmentatur gie avzat biex inaqqas il-pozizzjoni tieghu, l-ammont investit kien f'dan il-kaz il-minimu u, ghalhekk, ma kienx hemm lok ghal tnaqqis u, ghaldaqstant, ried jiddeciedi jistenniex bit-tama li l-affarijiet jitrangaw jew johrog bit-telf ta' dak iz-zmien.

Il-provditur tas-servizz sahaq li l-ilmentatur dejjem seta' johrog minn dan l-investiment. Mill-banda l-ohra, minkejja li mhux l-ewwel darba li klijenti jigu infurmati li ahjar johorgu mill-investiment anke jekk hemm xi telf, fil-kaz tal-*German Pellets* ma kienx hemm lok ghal dan ghaliex il-prezz waqa' fi zmien ftit granet, minghajr indikazzjoni, fuq suspett ta' frodi interna min-naha tal-*issuer* tal-*bond*.

Fuq kollox, il-provditur tas-servizz sahaq li s-servizz li ghazlu l-ilmentaturi kien wiehed ta' parir u ghazla f'idejn l-ilmentaturi *(advisory service)*, u mhux f'idejn id-diskrezzjoni tal-istess provditur minghajr l-ebda konsultazzjoni mal-ilmentaturi *(discretionary service)*.

Barra minn hekk, il-provditur tas-servizz tenna li biex ikun car it-tip ta' investitur li qed iressaq dan l-ilment, importanti li jinghad li s-Sinjura IV kienet lesta li twaqqaf l-ilmenti imressqa minnha u zewgha b'mod kongunt, kif ukoll dak imressaq minn zewgha, jekk il-provditur tas-servizz jilqa' it-talba li hi ghamlet li flok il-*bonds* li qed jigu ristrutturati jinghatalhom ammont ekwivalenti f'*Bitcoin*, li dan juri bic-car li s-Sinjura IV hija investitur li trid tispekola, li thobb tiehu riskju biex tiggwadanja, taf kif jahdmu l-investimenti u r-riskji marbutin maghhom.

**Kunsiderazzjonijiet Ohra**

Fi ftit kliem, l-ilment jittratta l-fatt li l-*bonds Rickmers* u *German Pellets*, li l-ilmentaturi xtraw fuq parir tal-provditur tas-servizz, ma kellhomx jigu mibjugha lilhom minhabba li dawn mhumiex kompatibbli mal-*low risk profile* taghhom.

A bazi tad-dokumentazzjoni pprezentata, huwa indikat li s-servizz moghti lill-ilmentaturi, kemm b'mod kongunt kif ukoll fuq il-kont li l-ilmentatur kellu f'ismu

biss, kien dak ta' *Execution Only.*[6] Izda, ghalkemm id-dokumenti juru dan, l-ilmentaturi kontinwament sahqu li l-investiment taghhom fiz-zewg *bonds* ilmentati sar fuq parir tar-rapprezentant tal-provditur tas-servizz, liema fattur gie anke ikkonfermat mill-istess rapprezentant, meta qal:

'*Niddeskrivi s-servizz bhala non-advisory u kien execution only.* ***Nghid li fuq dan il-kaz partikolari ahna konna li offrejna l-prodotti lis-Sinjura.'***[7]

Allura, galadarba kien il-provditur tas-servizz stess li ssuggerixxa l-prodotti in kwistjoni, is-servizz moghti biex sehhew dawn it-tranzazzjonijiet ilmentati certament li jista' jigi meqjus bhala parir ta' investiment. Jidher li l-provditur tas-servizz ikkategorizza dan is-servizz *Execution Only* biex ifarfar minn fuqu r-responsabbiltà u mhux ghax verament l-ilmentaturi taw xi ordni ta' ezekuzzjoni biss. Imma, kif ammess mill-provditur stess, issuggerixxa l-prodott hu u l-ilmentaturi enfasizzaw li huma marru ghand il-provditur tas-servizz ghall-parir ghax hu kien jaf aktar minnhom. Dan johrog anke mill-korrispondenza bejn il-partijiet fejn l-ilmentatrici ssemmi li kienet qed titlob il-parir tieghu.

Barra minn hekk, il-provditur tas-servizz kellu d-dmir li jagixxi fl-ahjar interess tal-investitur, dan hekk kif inhu obbligat li jaghmel skont *Investment Services Rules for Investment Services Providers*[8] mahruga mill-*MFSA* kif ukoll id-Direttiva *MiFID,* partikolarment skont regolament li jghid:

'*When providing Investment Services to clients, a Licence Holder shall act honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of its clients and shall comply with the relevant provisions of the Act, the Regulations issued thereunder, these Rules as well as with other relevant legal and regulatory requirements …'*[9]

Ghalhekk l-Arbitru jqis li dan is-servizz inghata fuq bazi *Advisory* u ma kellux jinghata a bazi ta' *Execution Only*.

Ghalhekk peress li *de facto* kienu qed jinghataw parir taht l-istess *Standard Licence Conditions*, meta provditur tas-servizz ikun qed jaghti parir finanzjarju,

---

[6] *A fol.* 125 u *a fol.* 130
[7] *A fol.* 209
[8] *ISR – Part B1: Standard Licence Conditions applicable to Investment Services Licence Holders which qualify as MiFID firms*
[9] *ISR – Part B1 Rule 2.01*

huwa obbligat li jikseb it-taghrif necessarju minghand klijenti prospettivi biex ikun jista' jifhem fatti essenzjali dwar il-klijent u jkollu bazi ragjonevoli biex jemmen – wara li jiehu konoxxenza tan-natura u t-tip ta' servizz provdut – li t-tranzazzjoni specifika li qed tigi rrakkomandata, tissodisfa dawn il-kriterji:

- li tilhaq l-oggettiv tal-investiment tal-klijent;
- li hija tali li l-klijent ikun finanzjarjament jiflah ghar-riskji relatati mal-investiment konsistenti mal-oggettiv tal-investiment tieghu; u
- li hija tali li l-klijent ghandu t-taghrif u l-esperjenza necessarja biex jifhem ir-riskji tat-tranzazzjoni.

F'dawn il-kazi hemm zewg xenarji: wiehed fejn hemm investiment kongunt bejn il-konjugi FV u IV u l-iehor fejn l-ilmentatur investa wahdu.

Huwa car li l-objettiv tal-ilmentaturi kien li jinvestu f'*bond* ghal skop ta' dhul specjalment tal-ilmentatrici ghaliex in-natura tal-investimenti li kellha qabel ma tantx kienu differenti.

Dwar l-gharfien u l-esperjenza, ma tistax ma tinghatax attenzjoni partikolari lejn l-ilmentatrici f'dan ir-rigward. Huwa evidenti li l-ilmentatrici kellha esperjenza fl-investimenti ghal numru ta' snin. Ir-relazzjoni taghha mal-provditur tas-servizz tmur lura ghas-sena 2006 li, ghalkemm din bdiet billi kienet, flimkien ma' ohtha, tamministra l-flus u l-investimenti t'ommha, meta sehem minn dawn inqaleb f'isimha saru bosta tranzazzjonijiet ohrajn.

L-ilmentatrici sahqet ukoll li kellha diversi investimenti mal-provditur tas-servizz, kemm b'imghax gholi u anke b'dak baxx, li bla dubju jindika ukoll li kienet konxja ta' x'tip ta' investimenti kellha u ma kellhiex. Dan ifisser li t-tip ta' investimenti li hi kellha f'isimha biss u t-tip ta' tranzazzjonijiet li ghamlet fuq kont iehor li kellha mal-provditur tas-servizz, ghinuha tigbor it-taghrif u tiggwadanja l-esperjenza necessarja sabiex tiehu decizjonijiet infurmati.

F'dan ir-rigward, tajjeb li jinghad ukoll li, minkejja li l-ilmentaturi kontinwament sahqu li huma dejjem agixxew fuq il-parir tal-provditur tas-servizz, dan mhux dejjem jidher li kien il-kaz.

Bhala parti mid-dokumentazzjoni pprezentata mill-ilmentaturi infushom sabiex jissostanzjaw il-kaz taghhom, kien hemm *email*[10] mibghuta mill-ilmentatrici lill-provditur tas-servizz sabiex titolbu aggornament dwar l-investiment taghhom fil-*German Pellets.* Izda, din l-istess *email* tinkludi ukoll referenza ghall-*Aberdeen*, investiment iehor li huma kellhom. Il-mod kif giet miktuba din l-*email* taghti l-impressjoni li l-ilmentatrici ma kinitx kuntenta bl-imghax li kienet qed tircievi fuq dan l-investiment u kienet, ghalhekk, qed tissuggerixxi x'jista' jsir.

Ghalhekk, jista' jigi konkluz li din it-tip ta' *email* zgur li ma tigix mibghuta minn persuna li m'ghandhiex it-taghrif u l-esperjenza necessarja.

Ghaldaqstant, fil-kaz fejn l-ilmentaturi investew flimkien u fejn jirrizulta li kienet il-mara li hadet l-inizjattiva, l-gharfien u l-esperjenza li l-ilmentatrici kellha ghinuhom tittiehed decizjoni infurmata dwar l-investiment fil-*German Pellets* li kien qed jigi offrut lilhom. Fuq kollox, certament li r-*risk appetite* taghha ma kienx wiehed baxx kif inhu anke evidenti mil-lista ta' investimenti li hi kellha mal-istess provditur f'isimha biss.

Ghaldaqstant, dan ifisser li meta l-*bond German Pellets* giet mibjugha lill-ilmentaturi b'mod kongunt, ma sar xejn hazin min-naha tal-provditur tas-servizz meta gie offrut u mibjugh dan l-investiment lilhom.

Izda, mhux l-istess jista' jinghad ghall-kaz tal-ilmentatur meta inbiegh lilu l-*bond Rickmers* f'ismu biss. Din il-*bond* kienet l-ewwel *foreign bond* li giet mibjugha lilu u kienet ukoll l-ewwel *bond* ta' natura spekulattiva bi *credit rating* B-[11] b'kupun ta' iktar minn 8% li huwa minnu nnifsu indikazzjoni ta' riskju oghla.

L-objettiv tal-ilmentatur kien ukoll li jzid id-dhul tieghu mal-pensjoni, izda ma jistax jinghad li dan kellu l-esperjenza u t-taghrif necessarju bhalma kellha martu sabiex il-*bond Rickmers* titqies *suitable* ghac-cirkostanzi tieghu.

Skont l-informazzjoni pprezentata mill-provditur tas-servizz, ma jirrizultax li l-ilmentatur kellu f'ismu portafoll vast ta' investimenti. Qabel l-investiment fir-*Rickmers* kellu biss *bond fund* offrut mill-istess provditur kif ukoll *bond* ohra lokali. Izda, minkejja dawn il-limitazzjonijiet, il-provditur tas-servizz xorta ghazel

[10] *A fol.* 89
[11] http://erscontent.deutsche-boerse.com/erscontentXML/dokument?datei=1202533

li joffrilu *bond* b'kupun ta' iktar minn 8%, *non-investment grade* u ta' natura spekulattiva.

Barra minn hekk, ma gietipprezentata l-ebda informazzjoni u evidenza mill-provditur tas-servizz sabiex jigi stabbilit jekk l-ilmentatur, b'mod individwali, kienx kapaci jgorr ir-riskju hekk kif ipprezentat lilu.

Huwa car illi kieku sar *suitability assessment* adegwat mill-provditur tas-servizz, kien jirrizulta li l-ilmentatur, fil-kapacità personali tieghu, ma kienx jissodisfa l-kriterji rekwiziti meta jinghata parir finanzjarju fit-totalità taghhom u, ghaldaqstant, il-*bond Rickmers* ma kellha qatt tigi offruta u mibjugha lilu.

Il-fatt li martu kellha l-esperjenza fl-investimenti ma jfissirx li ma kellux isir *suitability assessment* separat ghar-ragel li, kif inghad, ma kellux l-istess esperjenza ta' martu.

**Ghalhekk, ghar-ragunijiet kollha moghtija aktar 'il fuq f'din id-decizjoni, l-Arbitru qed jichad l-ilment li sar fil-Kaz Nru. 125/2017, u jilqa' l-ilment, sakemm huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni, fil-Kaz Nru. 121/2017 fir-rigward tal-investiment li gie mibjugh lir-ragel wahdu.**

**KUMPENS**

Fl-ilment tieghu, l-ilmentatur talab ghar-rifuzjoni tas-somma ta' €5,000, flimkien mal-interessi akkumulati.

A bazi tal-lista tal-investimenti pprovduta flimkien mal-*Contract Note,*[12] jirrizulta li l-ammont investit fir-*Rickmers* kien jammonta ghal €4,300, fejn l-ilmentatur investa valur nominali ta' 5,000 ghall-prezz ta' 86.00. Tul il-perjodu li dam investit fir-*Rickmers*, hu rcieva biss kupun wiehed, dak imhallas f'Gunju 2016 li kien jammonta ghal €371.19,[13] liema somma huwa gust li ghandha tigi mnaqqsa mill-kumpens dovut.

Minkejja li l-*Income Report* ipprezentat mill-provditur tas-servizz jindika ukoll kupun iehor f'Gunju 2017, ghalkemm dan huwa ikkunsidrat fit-*Total Income*

[12] *A fol.* 9 (Kaz 121/2017)
[13] *A fol.* 10 (Kaz 121/2017)

rifless fl-istess dokument, dan il-kupun ma giex imhallas hekk kif inhu evidenti f'korrispondenza[14] (li mhix datata) mibghuta lill-ilmentatur.

**Ghaldaqstant*, ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *Calamatta Cuschieri Investment Services Ltd.* thallas lill-ilmentatur, FV, s-somma ta' tlett elef, disa' mija u tmienja u ghoxrin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€3,928.81).[15]**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**Peress li intlaqa' biss ilment wiehed, u l-Arbitru cahad ukoll l-eccezzjonijiet preliminari tal-provditur tas-servizz, kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

---

[14] *A fol.* 124
[15] €4,300 - €371.19 = €3,928.81